DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 8 ta' Ġunju 2015

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 135/2015

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Programm ta' Tagħlim u Assessjar għall-Ħames Sena tas-Sekondarja Rotta 1

---

L-għalliema tal-Malti li se jgħallmu l-istudenti tal-Ħames Sena f'Rotta 1 huma mitluba li jaraw l-hemża ma' din iċ-ċirkulari li fiha l-programm ta' tagħlim u assessjar li se jintuża **minn Settembru 2015** tas-sena skolastika li jmiss. Dan il-programm jibni fuq dak introdott fir-Raba' Sena fl-istess rotta u jwassal lill-istudenti biex jiksbu Ċertifikazzjoni tal-Ewwel Livell skont il-Qafas Malti għall-Kwalifiki jekk jilħqu l-livelli stabbiliti fiċ-ċirkulari DQSE 01/2015 maħruġa fil-11 ta' Mejju 2015.

L-għalliema huma mitluba li jibnu l-iskemi u l-pjanijiet tax-xogħol tagħhom fuq dan il-programm li għalkemm iqis il-livell u l-ħtiġijiet partikulari tal-istudenti ta' Rotta 1, xorta waħda jħallilhom miftuħa l-possibiltà li jersqu għall-eżami taċ-ĊES tal-Malti fl-aħħar tal-Ħames Sena.

Dan il-programm huwa mibni fuq l-ewwel livell tal-kompetenzi ewlenin maħruġ mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (ara *The Descriptors of Key Competencies*, pġ 11-17, fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fl-indirizz http://www.mqc.gov.mt/descriptors-key-competencies?!=1). F'dan il-programm, l-għalliema qed jingħataw aktar flessibiltà fl-għażliet ta' materjal u testi biex ikunu jistgħu jaddattaw it-tagħlim skont il-ħiliet u l-ħtiġijiet tal-istudenti li jkollhom. Huwa importanti li dawn l-għażliet ikunu varjati kemm jista' jkun. Mal-programm hemm mehmużin ukoll il-linji gwida tal-assessjar fejn tingħata aktar enfasi lix-xogħol kontinwu tal-istudent, lill-ħila tat-taħdit u s-smigħ u l-mod kif dawn jiġu assessjati fil-klassi.

Min għandu xi diffikultà jista' jikkuntattja lill-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti skont il-kulleġġi:
lis-Sur George Mifsud, numru tat-telefown 25982905 jew l-indirizz elettroniku george.mifsud@ilearn.edu.mt u lis-Sa Doreen Coleiro, numru tat-telefown 2598 2914 jew l-indirizz elettroniku maria.dolores.coleiro@ilearn.edu.mt.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom.

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**

---